**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Young Investments Limited (C 16047)**

**vs**

**Champ Limited (C49594); u Antoine Tanti (ID 378571M); u Johann Tanti (ID 516581M)**

**Rikors Numru: 69/16JD**

Illum 17 ta' Novembru 2016

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti li jaqra hekk:

1. Illi permezz ta' skrittura privata ta' lokazzjoni datata 27 ta' Ottubru 2010 (Dok A) is-socjeta' rikorrenti kienet ikkoncediet b'titolu ta' lokazzjoni favur is-socjeta' ntimata il-garage internament immarkat mhux ufficjalment bin-numru 7 accessibbli minn passagg li jizbokka fi Sqaq il-Barriera, Tal-Handaq, Qormi u dana ghal perjodu ta' hdax-il sena dekorribli mill-1 ta' Novembri 2010;
2. Illi permezz ta' skrittura ohra bejn l-istess partijiet datata 11 ta' Gunju 2015, (Dok B) il-komparenti kienu mmodifikaw il-precitata skrittura ta' lokazzjoni fis-sens illi ftiehmu fuq tibdil fir-rata ta' kera pagabbli mis-socjeta' ntimata filwaqt li kkonfermawha fil-kumplament;
3. Illi fl-imsemmija zewg skritturi, l-intimati ahwa Tanti kienu dehru fuq l-istess bhala garanti solidali f'isimhom personali mas-socjeta'

favur is-socjeta' rikorrenti ghall-obligazzjonijiet finanzjarji kollha li kienet ikkontrattat l-istess socjeta' ntimata;

4. Illi ai termini tal-iskrittura ta modifika datata 11 ta' Gunju 2015, l-intimati kienu nkarikaw ruhhom li jhallsu lis-socjeta' rikorrenti ir-rata ta' kera ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) fis-sena oltre l-VAT pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem fl-iskadenzi li jaghlqu fl-1 ta' Novembru u fl-1 ta' Mejju oltre l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma;
5. U peress illi l-intimati baqghu inadempjenti fl-import ghal hlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma oltre ghal hlas ta' sitt xhur kera dovuta ghall-iskadenza li ghalqet fl-1 ta' Mejju 2016;
6. U peress illi l-intimati baqghu moruzi fl-imsemmija hlasijiet nonostante li kienu gew interpellati ghal da nil-ghan tramite ufficjali datata 28 ta' Marzu 2016 (Dok C) li giet prezentata ai termini tal-artikolu 17 tal-kuntratt originali ta' lokazzjoni tas-27 ta' Ottubru 2010;
7. U peress illi minhabba tali inadempjenza in segwitu tal-precitata ittra ufficjali, is-socjeta' rikorrenti hija ntitolata li tikkunsidra l-imsemmija lokazzjoni bhala li giet terminate u kwindi l-intimati qed jokkupaw l-istess minghajr ebda titolu validu fil-ligi appuntu minhabba l-fatt li l-intimati ma onorawx l-obbligi finanzjarji minnhom assunti ghalkemm debitament interpellati sabiex jirregolarizzaw dan in-nuqqas taghhom;
8. U peress illi fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu f'din il-kawza li ghalhekk tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Illi l-fatti li jifformaw parti mill-fuq indikati premessu huma maghrufa personalment lid-dikjaranti;

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti talbet lil dan il-Bord sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Jaqta' u jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Jikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' €21,687.38 rapprezentanti kwantu ghal €19,443.08 bhala kontijiet tad-dawl jew somma ohra verjuri li waqt dawn il-proceduri jista' jirrizulta li ghadhom dovuta u kwantu

ghall-ammont ta' €7,500 oltre l-VAT bhala arretrati ta' kera dovuta ghall-iskadenza li ghalqet fl-1 ta' Mejju 2016;
3. Jikkundanna lill-intimati jizgombraw l-barra mill-garage internament immarkat mhux ufficjalment bin-numru 7 accessibbli minn passagg li jizbokka fi Sqaq il-Barriera, Tal-Handaq, Qormi w jhalluh liberu u vakanti a favur tas-socjeta' f'qasir zmien u perentorju ffissat minn dan il-Bord;
4. B'riserva favur is-socjeta' rikorrenti ghal kull azzjoni ohra spettanti lilha kontra l-intimati a bazi tal-precitati skritturi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 27 ta' Marzu 2016 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-interessi legali kontra l-intimati li qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Ra li l-intimati gew notifikati kollha skont il-ligi u li ma dehrux fis-seduta.

Sema' x-xhieda ta' Franco Vella.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Illi mix-xhieda ta' Franco Vella, direttur tas-socjeta' rikorrenti, jirrizulta li l-intimati hallsuh kwazi l-ammont kollu inkwantu jirrigwarda l-arretrati ta' kera u fadal biss bilanc ta' €250. Ix-xhud spjega wkoll li s-socjeta' rikorrenti u l-intimati waslu fi ftehim fit-2 ta' Settembru 2016 li l-intimati kienu se jivvakaw il-garaxx inkwistjoni fil-31 ta' Ottubru 2016. Inoltre' mid-dokumenti ezebiti mis-socjeta' rikorrenti jirrizulta li l-ammont dovut mill-intimati ghal dak li jirrigwarda l-arretrati ghal kontijiet tad-dawl huwa fl-ammont ta' €7,324.02, u l-kontijiet ghad-dawl ghall-perjodu tat-30 ta' Settembru 2014 u l-15 ta' Ottubru 2015 huwa fl-

ammont ta' €1102.14 u ghall-perjodu tal-15 ta' Ottubru 2016 sat-8 ta' Ottubru 2016 huwa fl-ammont ta' €2255.

Ghalhekk il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba attrici;
2. In vista li l-intimati diga' ssaldaw parti sostanzjali tal-kera li kienet dovuta fil-mori, jikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' (ghaxart elef disa' mija u wiehed u tletin euro u sittax il-centezmu (€10,931.16) rapprezentanti kwantu ghal mitejn u hamsin euro (€250) kera oltre l-Vat; l-ammont ta' sebat elef tlett mija u erbgha u ghoxrin euro u zewg centezmi (€7,324.02) rapprezentanti arretrati ghal kontijiet tad-dawl, u l-ammont ta' tlett elef tlett mija u sebgha u hamsin euro u erbatax-il centezmu (€3357.14) rapprezenati l-kontijiet ghad-dawl
3. Billi l-intimati vvakaw il-fond fil-mori din it-talba hija llum ezawrita.

Bl-ispejjez kif mitluba ghandhom ikunu kollha a karigu tal-intimati.

Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D.

Lorianne Camilleri

Deputat Registratur